# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **826/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1159/2021 (NC) fl-ismijiet:**

## D. PEAK LIMITED (C 12224)

**VS**

## RACHEL MARIE XUEREB (KI 196500L) u CARMEN VASSALLO (KI 384567M)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Carmen Vassallo u Rachel Marie Xuereb magħmula ai termini tal-artikolu 836(1)(b), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1159/2021 NC;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar is-sbatax (17) t'Awwissu 2021, Carmen Vassallo u Rachel Marie Xuereb talbu lil dil-Qorti sabiex tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 115/2021 NC fl-ismijiet ***D. Peak Limited vs Rachel Marie Xuereb u Carmen Vassallo*** senjatament, iżda mhux esklussivament, ai termini tal-Artiklu 836(1)(b), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. B'risposta datata sitta (6) t'Ottubru 2021, is-soċjeta' D. Peak Limited għal opponiet għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, u dan għal diversi raġunijiet, fosthom illi r-rikorrenti ma ġabux prova illi l-garanzija minnhom offruta hija xierqa u tista' tissodisfa l-pretensjonijiet tas-soċjeta' D. Peak Limited.

**Fatti tal-Każ**

4. Mir-rikors odjern jirriżulta illi Carmen Vassallo u Rachel Marie Xuereb kienu akkwistaw proprjeta' immobbli mingħand is-soċjeta' D. Peak Limited. Mill-prezz tal-akkwist, Vassallo u Xuereb kien jonqoshom iħallsu bilanċ ta' €40,000. Is-soċjeta' sekwestranti għalhekk intavolat il-mandat ta' sekwestru odjern, u dan sabiex tikkawtela l-ammont pretiż minnha;

5. Permezz ta' digriet ta' din il-Qorti stess datat għoxrin (20) ta' Settembru 2021, il-Qorti ordnat illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1159/2021 NC fl-ismijiet ***D. Peak Limited vs Rachel Marie Xuereb et*** jiġi revokat limitatament fil-konfront ta' Carmen Vassallo, u jibqa' fis-seħħ biss in kwantu jolqot lis-sekwestrata Rachel Marie Xuereb;

6. Bir-rikors odjern, is-sekwestrati qegħdin jitolbu illi jiġi revokat in toto l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern;

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrati Rachel Marie Xuereb u Carmen Vassallo**

7. Permezz ta' rikors preżentat nhar is-sbatax (17) t'Awwissu 2021, is-sekwestrati ppremettew:

    a. Illi s-soċjeta' sekwestranti talbet u ottjeniet mandat ta' sekwestru fil-konfront tas-sekwestrati, għas-somma ta' erbgħin elf Ewro (€40,000) rappreżentanti l-bilanċ ta' somma akbar, in segwitu ta' bejgħ u akkwist tal-immobbli *ivi* hemm deskritt, li għadha ma tħallsitx u li hi qegħda tippretendi li tikkawtela;

    b. Illi, fl-istess ġurnata, is-soċjeta' sekwestranti talbet u otteniet proviżorjament mandat t'inibizzjoni sabiex il-proprjeta' mertu tal-kreditu premess ma tiġix mibjugħa, u fis-seduta tal-ħamsa (5) t'Awwissu 2021, waqt is-smigħ tar-rikors għall-konferma tal-mandat t'inibizzjoni, din it-talba ma ġietx opposta u għaldaqstant il-mandat ġie akkordat, liema mandat t'inibizzjoni fl-ismijiet ***D. Peak Limited vs Rachel Marie Xuereb*** iġib in-numru 1160/2021/1 NC;

    c. Illi s-sekwestrati jirrilevaw li bil-mandat premess il-kreditu tas-soċjeta' rikorrenti ġie debitament ikkawtelat stante illi l-kreditu pretiż mis-soċjeta' sekwestranti hija għall-bilanċ rimanenti tal-ħlas għall-bejgħ u akkwist tal-proprjeta' li ntlaqtet bil-mandat t'inibizzjoni;

    d. Illi s-soċjeta' sekwestranti m'għandhiex ħtieġa li tikkawtela għal aktar minn darba l-kreditu minnha pretiż, u kif ukoll peress li l-mandat t'inibizzjoni minnu ninfsu għandu joffri garanzija biżżejjed għall-pretensjonijiet tas-soċjeta' sekwestranti, u għalhekk dan il-mandat ta' sekwestru m'għandux għalfejn jibqa' fis-seħħ u s-sekwestrati għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tiegħu, senjatament, iżda mhux esklussivament, ai termini tal-**Art 836(1)(b), (e) u (f) tal-Kap 12**;

    e. Illi mingħajr preġudizzju u subordinatament għas-suespost, jekk għal kwalsiasi raġuni dina l-Onorabbli Qorti tħoss li l-kreditu pretiż ma

huwiex xorta waħda ikkawtelat permezz tal-mandat t'inibizzjoni suriferit, is-sekwestrati, jew min minnhom, huma lesti li jagħtu l-ewwel privileġġ permezz ta' ipoteka speċjali fuq dina l-proprjeta', u dan taħt dawk il-provvedimenti kollha opportuni li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa;

8. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka dan il-mandat ta' sekwestru ai termini tal-Art 836(1)(b), (e) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Risposta għat-Talba għal Revoka mis-Soċjeta' Sekwestranti D. Peak Limited**

9. Mill-banda l-oħra, b'risposta preżentata nhar is-sitta (6) t'Ottubru 2021, is-soċjeta' D. Peak Limited eċċepiet:

    a. Illi ma nġiebet l-ebda prova dwar jekk hemmx xi krediti oħrajn iskritti fuq il-proprjeta' in kwestjoni;

    b. Illi ma nġiebet l-ebda prova dwar il-kundizzjoni tal-istess proprjeta'; u

    c. Illi l-unika garanzija adegwata illi lesta taċċetta s-soċjeta' sekwestranti hija garanzija bankarja għall-ammont sħiħ reklamat bil-mandat;

10. Għaldaqstant, is-soċjeta' sekwestranta kkonkludiet illi t-talba tas-sekwestrati għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom .

**Il-Qorti**

11. Wara illi rat l-atti kollha preżentati mill-partijiet;

12. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tal-25 t'Awwissu 2021, illi fih ordnat in-notifika tar-rikors odjern lil D. Peak Limited bi żmien sebat (7) ijiem għar-

risposta, u ddikjarat illi kienet konsegwentement sejra tgħaddi sabiex tipprovdi kameralment fuq il-mertu tar-rikors;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

14. Primarjament, u qabel tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-mertu tar-rikors odjern, il-Qorti tfakkar illi, hekk kif diġa ġie indikat aktar 'il fuq, **il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern m'għadux fis-seħħ in kwantu jirrigwarda lis-sekwestrata Carmen Vassallo, u dan wara illi ngħata digriet f'dan is-sens minn din il-Qorti stess nhar l-għoxrin (20) ta' Settembru 2021 wara rikors ieħor tal-istess Carmen Vassallo preżentat fil-ħamsa (5) t'Awwissu 2021 (Rik Nru 776/2021). Għaldaqstant, in vista tal-fatt illi f'dak illi jirrigwarda Carmen Vassallo t-talba għar-revoka tal-mandat odjern ġiet diġa sorvolata, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba odjerna in kwantu din hija magħmula minn Carmen Vassallo, u sejra tikkonsidraha biss in kwantu t-talba odjerna ġiet magħmula mis-sekwestrata Rachel Marie Xuereb**;

15. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(b), (e) u (f) tal-Kap 12:

16. L-artikolu 836(1) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"**għal xi waħda** minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin"*[1], b'dana illi r-raġunijiet għar-revoka ta' att kawtelatorju elenkati fl-istess artikolu għandhom jiġu interpretati bħala raġunijiet alternattivi, u mhux kumulattivi. Isegwi għalhlekk illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat anke fil-każ illi tissussisti raġuni waħda biss minn dawk kollha elenkati fl-art 836(1);

[1] Emfasi tal-Qorti

17. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mill-provvedimenti tal-liġi msemmija fit-talba tar-rikorrenti separatament:

**(A) <u>Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12</u>**

18. L-art 836(1)(b) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat fil-każ illi, *"waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti"*. Huwa formulat għalhekk dan il-provvediment tal-liġi minn żewġ elementi: (a) il-fatt illi l-<u>ħtiġijiet tal-liġi</u> għall-ħruġ tal-att kawtelatorju jkunu jissussistu meta t-talba għall-ħruġ tal-mandat effettivament tintlaqa', u (b) <u>bidla fiċ-ċirkostanzi</u> minn meta tkun intlaqgħet it-talba għall-ħruġ tal-att kawtelatorju sa meta ssir it-talba għar-revoka, b'dana illi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha teżisti;

19. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et***[2], b'referenza għal dak illi ntqal fid-digriet fl-ismijiet ***Mangion Galea vs Stewart***:

> *Il-ħtiġijiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwa sew dik il-pretensjoni ta' dritt; (c) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilita' tal-persuna li tkun talbitu.*
>
> *[...]*
>
> *Fi kliem dik id-disposizzjoni, ir-raġuni li għaliha mandat kawtelatorju jitneħħa, kollu jew f'biċċa minnu, biss jekk ikun*

[2] Rik Nru 985/2020 fl-atti tal-Mandat Nru 1397/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 11 ta' Frar 2021, Onor Imħ Anna Felice

> *hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi bejn il-waqt li jkun inħareġ il-Mandat u ż-żmien meta ssir it-talba għat-tħassir tiegħu. Fi kliem ieħor, din il-Qorti tifhem li l-kawżali maħsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li l-mandat ikun inħareġ sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi waħda mill-kundizzjonijiet li l-liġi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-seħħ.*

20. In oltre, imbagħad, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi noe vs Jebmed SRL***[3]:

> *Din id-disposizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att;*

Dak illi jrid jiġi eżaminat minn din il-Qorti, għalhekk, huwa jekk il-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru odjern baqgħux jeżistu saħansitra anke wara l-ħruġ tal-istess mandat, jew kienx hemm xi bidla fiċ-ċirkostanzi b'dana illi xi waħda mill-ħtiġijiet sfat nieqsa;

21. Ir-rikors odjern huwa pjuttost vag f'dik illi hija t-talba tas-sekwestrata a bażi tal-Artikolu 836(1)(b), u l-Qorti la tista' tidentifika u lanqas tista' tiddeduċi liema wieħed mill-erba' ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju s-sekwestrata qegħda tikkontendi illi naqas minn meta nħareġ il-mandat odjern sal-preżentata tar-rikors in eżami. Il-Qorti qed tasal tifhem mir-rikors odjern illi s-sekwestrata qed issostni illi l-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tagħha wassal għal bidla fiċ-ċirkostanzi, per konsegwenza ta' liema bidla ma jeħtieġx illi jinżamm in vigore l-mandat odjern. Madanakollu, tali argument, se mai, ma jinkwadrax ruħu taħt l-artikolu 836(1)(b), iżda taħt

[3] Mandat Nru 964/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Settembru 2019, Onor Imħ Joseph R Micallef

l-artikolu 836(1)(f), kif ser jiġi eżaminat aktar 'l isfel. L-Artikolu 836(1)(b) jindirizza bidla fiċ-ċirkostanzi illi twassal illi tiġi nieqsa waħda mill-erba' ħtiġijiet tal-liġi sabiex jinħareġ mandat kawtelatorju, u l-Qorti mhix tal-fehma illi tirriżulta fil-każ odjern tali bidla;

22. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(b) tal-Kap 12**.

## (B) L-Artikolu 836(1)(e) tal-Kap 12

23. Is-sub-inċiż (1)(e) tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 jistabbilixxi illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed"*;

24. Hekk kif sostniet tajjeb is-soċjeta' sekwestranta, ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Raymond Mifsud vs Jesmond Micallef***[4]:

> *Din il-parti tal-liġi trid tinqara fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 830(2)(a) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:*
>
> *"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 870 u tal-artikolu 357 tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, dawk l-atti msemmijin fis-subartikolu (1) jiġu mħassra, kemm-il darba l-parti li kontra tagħha l-att ikun ġie maħruġ, tagħmel depożitu jew tagħti garanzija illi, fl-opinjoni tal-qorti, skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, ikunu biżżejjed biex iqiegħdu fiż-żgur il-jeddijiet jew il-pretensjonijiet imsemmija fl-att, jew jekk jintwera li l-att ġudizzjarju li bih tiġi aċċettata r-*

---

[4] Rikors Numru 1058/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 370/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Frar 2021, Onor Imħ Toni Abela (emfasi fid-digriet oriġinali). Ara wkoll Rik Nru 1137/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1656/2020 fl-ismijiet ***Gerald Montanaro Gauci vs Adam Brockdorff***, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 1 ta' Frar 2021, Onor Imħ Toni Abela.

*responsabbilta' kif imsemmi fis-subartikolu (3) ġie preżentat fir-reġistru xieraq."*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti, din ix-xorta ta' garanzija hija differenti minn dik li jipprospetta l-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 [...]. Ai fini tas-subinċiż (e), dinil-garanzija trid tkun* ***"mogħtija" ex post facto*** *u cioe' wara li jkun inħareġ il-mandat. Din tista' anke ssir permezz ta' depositu. Jekk dan ikun biżżejjed biex tissodisfa u tkopri l-pretensjoni, il-mandat għandu jitneħħa. Mentri, dik ix-xorta ta' garanzija taħt is-subinċiż (c), trid tkun waħda e[ż]istenti, jiġifieri li te[ż]isti* ***fil-mument li nħareġ il-mandat****. [...]*

*Il-Qorti ssostni li biex garanzija tkun konformi mal-kwalitajiet rikjesti minn dan l-artikolu, il-kreditur irid ikollu moħħu mistrieħ, li fir-rejalizzazzjoni ta' dik il-garanzija mhux raġjonevolment mistenni li jiltaqa' ma' xi ostakoli biex jitħallas. Dan ma jfissirx li dawn l-ostakoli jridu jkunu jidhru jew je[ż]istu fil-mument tal-e[ż]istenza tal-garanzija, hija biżżejjed il-potenżjalita' jew il-possibilta' li jirrikorru dawn l-ostakoli.*

25. Spjegat ukoll l-istess Qorti fid-digriet fl-ismijiet ***Francis Zarb vs Charles Bugeja***[5]:

*Garanzija fin-natura ġuridika tagħha trid toffri ċ-ċertezza tal-qbid u/jew il-bejgħ tal-ħaġa mill-kreditur mingħajr il-kunsens tad-debitur, fl-eventwalita' li tal-aħħar ikun inadempjenti fl-obbligi tiegħu.*

26. Fil-każ in eżami, is-sekwestrata qed tinsisti illi l-qbid tal-proprjeta' mill-mandat t'inibizzjoni minnu nnifsu għandu joffri garanzija suffiċjenti in

[5] Rik Nru 391/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 46/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Toni Abela, 2 ta' Lulju 2020

kawtela tal-pretensjonijiet tas-soċjeta' sekwestranti, u li anke jekk għal xi raġuni l-Qorti tħoss li l-kreditu pretiż ma huwiex xorta waħda kawtelat bl-istess mandat t'inibizzjoni, hija lesta li tagħti l-ewwel privileġġ permezz t'ipoteka speċjali fuq l-istess proprjeta' illi tifforma l-mertu tal-mandat t'inibizzjoni u s-sekwestru odjern;

27. Il-Qorti tibda billi primarjament tinnota illi r-rikorrenti naqset milli, fl-ewwel lok, tesebixxi, mill-inqas, kopja tal-mandat t'inibizzjoni illi għalih tagħmel referenza. Madanakollu, din il-Qorti ħadet l-inizjattiva tagħmel l-indaġini tagħha, u osservat illi effettivament huwa minnu illi ġie intavolat, u sussegwentement akkordat, mandat t'inibizzjoni illi jinibixxi lis-sekwestrata milli b'xi mod tbiegħ, tneħħi u/jew tittrasferixxi l-proprjeta' li tifforma l-mertu tal-vertenzi bejn il-partijiet. Minkejja dan, iżda, il-Qorti tinnota illi s-sekwestrata rikorrenti ma tat lill-Qorti l-ebda ħjiel tas-sitwawzzjoni finanzjarja tagħha. Il-Qorti għandha quddiemha sitwazzjoni fejn is-sekwestrata qegħda toffri illi tagħti l-ewwel privileġġ permezz ta' ipoteka speċjali fuq il-proprjeta' in kwestjoni, mingħajr m'hi qegħda taċċerta lil din il-Qorti jekk għandhiex proprjetajiet oħra illi jistgħu jagħmlu tajjeb għal obbligi oħra li forsi tista' tidħol għalihom is-sekwestrata; mingħajr ma tat garanzija lil din il-Qorti illi l-proprjeta' mhix soġġetta għal krediti privileġġjati jew ipotekarji fuq l-istess proprjeta'; u saħansitra mingħajr ma ppreżentat xi forma ta' valutazzjoni tal-proprjeta' in kwestjoni. Il-Qorti ma tistax għalhekk b'kuxjenza trankwilla tistrieħ fuq il-fatt illi hemm il-mandat t'inibizzjoni jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tas-soċjeta' sekwestranta fil-każ illi jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru odjern;

28. In oltre, il-Qorti tissenjala illi s-sub-inċiż (1)(e) tal-Artikolu 836 tal-Kap 12 juża t-temp passat, u cioe *"mogħtija"*. Huwa minnu illi l-garanzija trid tkun ingħatat (hekk kif tissenjala ġurisprudenza suċitata) wara illi jkun inħareġ il-mandat; iżda din il-Qorti tosserva illi l-użu tal-verb fil-passat jissinjifika wkoll illi sa meta ssir talba bħal dik in eżami, il-garanzija trid tkun **ingħatat**, u **mhux għad trid tingħata**. Fil-każ in eżami, il-Qorti hija tal-fehma illi m'għadha ngħatat l-ebda garanzija ta' din ix-xorta, stante illi anke jekk għall-grazzja tal-argument is-sekwestrata qegħda tikkonsidra l-mandat

t'inibizzjoni bħala 'garanzija', il-Qorti mhix dedotta mis-sitwazzjoni finanzjarja tas-sekwestrata u tal-proprjeta' in kwestjoni;

29. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **lanqas ġie sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(e) tal-Kap 12**.

## (C) L-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12

30. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

31. Hekk kif tajjeb jissenjalaw is-sekwestranti, taħt l-Artikolu 836(1)(f), bħal fil-każ tal-Artikolu 836(1)(b), jeħtieġ illi tissussisti bidla fiċ-ċirkostanzi illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[6]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* ***Spiteri vs Darmanin*** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*
>
> > *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in*

[6] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

> *parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*

*Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs*

*Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[7]

32. Mir-rikors odjern, il-Qorti qed tasal tikkonkludi illi, bħal fil-każ tal-Artikolu 836(1)(b), il-bidla fiċ-ċirkostanzi illi qed issostni illi seħħet is-sekwestrata rikorrenti hija preċiżament il-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni, u, peress illi l-pretensjoni tas-soċjeta' sekwestranti hija ben kawtelata, fl-opinjoni tas-sekwestrata, permezz tal-mandat t'inibizzjoni, m'hemm l-ebda raġuni għalfejn il-mandat ta' sekwestru odjern għandu jibqa' fis-seħħ;

33. Għal darb'oħra, u a skans ta' repetizzjoni inutili, din il-Qorti tirreferi għall-konsiderazzjonijiet tagħha taħt l-artikolu 836(1)(e) u ssostni illi, fil-fehma tagħha, il-fatt biss illi hemm mandat t'inibizzjoni in vigore ma huwiex biżżejjed sabiex iserraħ moħħ il-Qorti illi d-drittijiet tas-soċjeta' sekwestranti huma ben protetti. Kien jispetta għas-sekwestrata illi ġġib l-aħjar prova possibbli sabiex turi illi l-proprjeta' in kwestjoni hija libera minn kull forma ta' obbligi versu terzi, u/jew toffri garanzija fil-forma ta' depożitu fir-Reġistru tal-Qorti, b'dana illi tagħti lill-Qorti ċertezza illi, f'każ ta' eżitu favur is-soċjeta' sekwestranta fil-kawża pendenti bejn il-partijiet, id-drittijiet tas-soċjeta' sekwestranta ma jkunux ġew preġudikati;

34. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12**.

[7] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015

**Decide**

35. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt illi **<u>tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tat-talba fir-rikors odjern in kwantu ġiet magħmula mis-sekwestrata Carmen Vassallo, **<u>tiċħad</u>** it-talba tas-sekwestrata Rachel Marie Xuereb, u tiddikjara illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern għandu għalhekk jibqa' in vigore in kwantu dan jolqot lis-sekwestrata Rachel Marie Xuereb.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-sekwestrata Rachel Marie Xuereb.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, tnejn u għoxrin (22) t'Ottubru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**